MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 441/2003

**Malta Tourism Authority**

**vs**

**Alfred Spiteri Debarro**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-Awtorita' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u disghin Liri Maltin (LM1,695) rapprezentanti arretrati ta' licenzji u kontribuzzjonijiet dovuti skond il-ligi kif jirrizulta mill-annessi Dokumenti mmarkati `A', `B' u `C';**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra l-konvenut ingunt minn issa biex jidher ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta’ Mistoqsijiet tal-Awtorita’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta’ Jannar tas-sena 2004 meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tal-Awtorita’ attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------